

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.9258 — Prodotti tal-Isports ANTA/FountainVest China Capital Partners GP3/Amer Sports)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 31/09)

1. Fis-17 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Prodotti tal-Isports ANTA ("ANTA", Hong Kong),
- FountainVest China Capital Partners GP3 ("FountainVest", il-Gżejjer Cayman),
- Amer Sports ("Amer Sports", il-Finlandja).

ANTA u FountainVest jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Amer Sports.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma permezz ta' offerta pubblika mnedija fl-20 ta' Diċembru 2018.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- ANTA: l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tas-serje tal-ħwejjeġ tal-isports ANTA għas-suq tal-massa fiċ-Ċina ta' prodotti sportivi professjonali inklużi żraben, ilbies u aċċessorji,
- FountainVest: ditta ta' ekwità privata b'enfasi fuq l-investment f'impriżi ewlenin fl-industrija b'potenzjal ta' tkabbir sinifikanti. FountainVest għandha investimenti fin-negozji tal-ħwienet tal-konsumaturi, il-media u t-teknoloġija, il-kura tas-saħħa u l-industriji,
- Amer Sports: l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kumpanija ta' prodotti sportivi ta' marki tad-ditta rikonoxxuti internazzjonalment inklużi Salomon, Wilson, Atomic, Arc'teryx, Mavic, Suunto u Precor.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9258 — Il-Prodotti tal-Isports ANTA/FountainVest China Capital Partners GP3/Amer Sports.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.